MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 1773/2001/1

**Edward Paul Tanti**

**v.**

**Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, moghtija fis-27 ta’ Settembru 2002, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut li kienet fis-sens li l-azzjoni ma setghetx tigi proposta ghax kien ghadda z-zmien ta’ sitt xhur stipulat fis-subartikolu (3) ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Jinghad ukoll li f’din l-istess sentenza l-Prim Awla irrespingiet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u cioe` l-eccezzjoni li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur.

Fic-citazzjoni tieghu, l-attur ippremetta s-segwenti:
**Illi fin-1963 meta inħolqot il-Malta Electricity Bord l-attur ġie trasferit u seconded mal-Board taħt l-istess kundizzjonijiet illi kienu applikabbli għall-impjegati tal-Gvern, liema Board, sussegwentement, b’tibdil, saret il-Korporazzjoni Enemalta;**

**Illi fin-1979 wara strike illi kien sar, stante illi skond ir-regolamenti internazzjonali, powerstation ma tistax titħaddem mingħajr Inginiera jew uffiċjali, il-Gvern ta’ dak iz-zmien ħoloq il-post ta’ uffiċjal u l-attur kien ġie inkarigat u innomint bħala uffiċjal, għalhekk fil-gradwatorja tal-kmand ġie direttament taħt l-Engineer;**

**Illi dan ix-xogħol għamlu minn 1979 san-1997 sakemm ġie biex jispiċċa mix-xogħol bl-eta;**

**Illi meta spiċċa bl-eta, u ġew biex jaħdmu l-pensjoni tiegħu din inħadmet fuq il-bazi ta’ technical officer grade 12 illi ma kienx jikkorrispondi ma dak illi attwalment kienet ġiet ikklassifikata t-tip ta’ xogħol illi kien qed jagħmel hu. Ix-xogħol illi kien qed jagħmel kien ta’ Grade 11 u saħansitra ħargu applikazzjonijiet għal dak il-post;**

**Illi dak illi huwa second in comand huwa effettivament fi Grade 11 skond l-iskala ta’ l-impjegati tal-Gvern u l-attur baqa second in command wara l-engineer sad-data illi spiċċa mix-xogħol;**

**Illi dan jaffettwa l-pensjoni ta’ l-attur;**

**Illi r-rifjut tal-fatti fuq imsemmija ġew imressqin quddiem il-Kummissjoni ta’ l-Ingustizzji b’eżitu negttiv u dana minħabba kwistjonijiet ta’ diskriminazzjoni u ilmenti simili illi għalihom kienet imwaqqfa il-Kummissjoni;**

**Illi din il-kwistjoni ma tqajjmet quddiem l-ebda Qorti jew Tribunal ieħor illi iddeterminha;**

Premess dan kollu l-attur talab li l-Prim Awla:

**1. Tiddikjara illi d-decizjoni amministrattiva illi l-pensjoni tigi ikkalkulata mhux fi grad 11 izda fuq grad 12 kienet zbaljata u kontra l-ligi u l-gustizzja u arbitrarja peress illi fil-fatt ix-xoghol effettiv ta’ l-attur kien fil-grad 11;**
**2. Tistabilixxi l-pensjoni illi huwa intitolat ghaliha l-attur skond l-iskala 11 tal-impjegati tal-Gvern u mhux dik attwalment moghtija lilu ta’ skala 12;**
**3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas il-pensjoni ta’ l-attur skond kif tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti mid-data ta’ meta l-attur kien intitolat li jircievi l-pensjoni.**

L-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut kienu fis-sens (a) li ma kienx messu gie mharrek hu, ghaliex il-pensjonijiet jithallsu mit-Tezor u mhux mill-Ufficcju tal-Prim Ministru u dawn huma iffissati bi kriterji precizi mil-ligi nnifisha (Kap. 93) skond taghrif moghti mill-principal ta’ l-impjegat li jkun; u t-tieni eccezzjoni kienet fis-sens (b) li l-attur ghalaqlu z-zmien ta’ sitt xhur li fih seta’ jressaq l-azzjoni tieghu skond l-imsemmi Artikolu 469A tal-Kap. 12. Fl-udjenza tat-8 ta’ Frar 2002 l-ewwel Qorti, wara li semghet lid-difensur tal-attur – il-konvenut u d-difensur tieghu baqghu ma dehrux – halliet il-kawza ghad-decizzjoni dwar dawn l-ewwel zewg eccezzjonijiet.

<u>**Is-sentenza appellata**</u>

Is-sentenza appellata tghid hekk:
**“Illi, fis-sottomissjonijiet tiegħu dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet, l-abbli avukat tal-attur issottometta li**

**(a) dwar l-ewwel eċċezzjoni, huwa ħarrek lil dik il-persuna li, skond il-liġi[1], kellha tiġi mħarrka biex twieġeb għat-talbiet tiegħu; u (b) dwar it-tieni eċċezzjoni, li ladarba l-pensjoni li huwa jirċievi titħallas kull xahar, iż-żmien ta' dekadenza msemmi għall-għamla ta' azzjoni tiegħu[2] ma setax għadda;**

**"Illi l-Qorti sejra tqis iż-żewġ eċċezzjonijiet fl-ordni li fiha ngħataw;**

**"Illi <u>dwar l-eċċezzjoni li s-Segretarju Amministrattiv ma messux ġie mħarrek</u> biex iwieġeb għat-talbiet attriċi, jingħad li din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq il-fatt li llum il-ġurnata l-attur m'għadux impjegat, u li l-ilment tiegħu dwar l-ammont ta' pensjoni li għandu jirċievi jmissu jsir lil dak id-dipartiment li jiffissa u jħallas il-pensjonijiet;**

**"Illi, fil-waqt li l-attur fetaħ il-kawża, ma kienx għadu impjegat imma pensjonant wara li rtira minħabba l-eta', u l-qofol tal-ilment tiegħu hu sewwasew l-ammont ta' pensjoni li huwa intitolat jirċievi. Għalkemm m'huwiex kontestat li, fil-waqt rtira mill-impieg tiegħu u sa minn bosta snin qabel, l-attur kien jaħdem mal-Korporazzjoni Enemalta, dan il-fatt m'għandux ikun ta' xkiel għall-indaġni tas-siwi ta' l-eċċezzjoni taħt eżami. Dan jingħad għaliex il-liġi nnifisha[3] tqis impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta f'ċirkostanzi bħal dawk li kien jinsab fihom l-attur bħallikieku kien baqa' jżomm il-ħatra ta' uffiċjal pubbliku jaħdem mal-Gvern;**

**"Illi l-attur jgħid li l-kwestjoni mqanqla minnu fil-kawża tiegħu ma setgħetx titressaq kontra ħadd ieħor ħlief is-Segretarju Amministrattiv, u dan għax hekk jipprovdi l-artikolu 181B(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li hu ma joħroġx pensjonijiet u l-ħlas tagħhom lanqas jaqa' taħt il-mansjonijiet tiegħu. Fis-sewwa jrid jingħad li**

[1] Art. 181B (1)(b) tal-Kap 12
[2] Art. 469A(3) tal-Kap 12
[3] Ara att. 30(1), 31(2)(b), 32(3) u 33(3) tal-Kap 272

għalkemm l-attur jilmenta dwar l-ammont ta' pensjoni li qiegħed jirċievi, il-qofol tal-problema tiegħu (u l-mertu tassew tal-kawża) jirrigwarda d-deċiżjoni - meħuda matul iż-żmien li kien għadu fl-imġieg - li hu kellu jitqies bħala impjegat fuq Skala Tnax skond is-skali ta' impjegati tal-Gvern;

"Illi jekk dan il-fatt jiżdied ma' dak imsemmi fit-tielet paragrafu tad-Dikjarazzjoni maħlufa mill-imħarrek, joħroġ li tabilfors li l-għeruq tal-lanjanza tal-attur hija deċiżjoni meħuda matul l-impieg tiegħu u li l-ammont tal-pensjoni li qiegħed jirċievi huwa l-effett dirett ta' dik id-deċiżjoni, li, fi kliem l-imħarrek innifsu, it-Teżor ma kellu l-ebda diskrezzjoni jikkomputaha mod ieħor;

"Illi għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-imħarrek huwa l-persuna li l-liġi tqis bħala r-rappreżentant tal-Gvern f'kawża li tolqot impieg jew obbligu ta' servizz, l-attur ma għamel xejn ħażin li fetaħ il-kawża kontrih. Għalhekk, l-eċċezzjoni li l-imħarrek ma hux il-kontradittur leġittimu m'hijiex mistħoqqa;

"Illi <u>dwar l-eċċezzjoni li l-attur ma fetaħx il-kawża fiż-żmien li tagħtih il-liġi</u>, għandu jingħad li din tinbena fuq l-għamla ta' azzjoni mibdija mill-attur, li hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv. Din in-natura tal-azzjoni tinstilet mill-kliem tal-att taċ-ċitazzjoni nnifsu u mit-talbiet magħmula. Huwa ċar ukoll li l-azzjoni attriċi ma fihiex allegazzjonijiet li l-għamil amministrattiv ilmentat jikser il-Kostituzzjoni. L-imħarrek jgħid li l-azzjoni waqgħet għax ma nbdietx fi żmien sitt (6) xhur minn meta l-attur sar jaf jew seta' jsir jaf bl-għamil amministrattiv li minnu jilmenta;

"Illi mill-provi li joħorġu fl-atti tal-proċess s'issa jirriżulta li l-attur spiċċa mill-impieg fl-1997 u l-kawża fetaħha fid-9 ta' Novembru, 2001. Qabel ma nfetħet il-kawża, hu jgħid li kien beda proċeduri quddiem Kummissjoni, imma b'riżultat li kien kontra t-talba tiegħu. Kien ukoll ressaq protest ġudizzjarju xi xahar qabel fetaħ din il-kawża;

**"Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[4]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jseħħ fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal egħmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni;**

**"Illi, m'hemmx dubju li miż-żewġ fatti fuq imsemmija, l-attur kien jaf bid-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu dwar l-iskala li fiha kien meqjus li temm l-impieg tiegħu sa minn tal-anqas erba' snin qabel ma fetaħ il-kawża tal-lum: jirriżulta wkoll li din id-deċiżjoni kien ikkontestaha ukoll, għalkemm ma ħallitlux ir-riżultat li xtaq. Minbarra dan, meta ntemm l-impieg tiegħu, fl-1997, l-artikolu 469A kien diġa' daħal fis-seħħ u kien għalhekk disponibbli għalih jekk xtaq rimedju u kien diġa' stabbilit iż-żmien li llum l-imħarrek qiegħed iressaqlu bħala eċċezzjoni;**

**"Illi, fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ssib li ż-żmien li l-attur kellu biex jitlob stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni amministrattiva dwar l-iskala xierqa tal-impieg tiegħu laħaq għalaq żmien qabel ma fetaħ il-kawża, u għalhekk issib li din it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek hija mistħoqqa;**

**"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:**

**"Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek, billi mhix mistħoqqa; u**

---

[4] Ara P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawza fl-ismijiet ***Gerard Zammit vs Awtorita' tal-Ippjanar (~itazz. Nru. 649/99RCP)*** u P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawza fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta (Citazz. Nru. 1562/97RCP)***

**“Tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek, u tiddikjara li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni tiegħu fi żmien utli skond il-liġi, u**

**“Għalhekk teħles lill-imħarrek milli jibqa’ iżjed fil-kawża, u li jwieġeb għat-talbiet tal-attur;**

**“Bl-ispejjeż kontra l-attur.”**

**L-appell u konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

L-appellant jikkontendi, bazikament, li f’dan il-kaz ma kienx applikabbli l-Artikolu 469A u li l-kawza tieghu hija bbazata fuq “il-vjolazzjoni tal-pattijiet kontrattwali”. Huwa ghamel referenza wkoll, permezz tan-nota tieghu tad-9 ta’ Mejju 2005, ghas-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament komposta, tal-5 ta’ Ottubru 1998 fl-ismijiet ***Carmelo sive Charles Magri v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** – din il-Qorti, pero`, ma tarax li din is-sentenza, li kienet tirrigwarda z-zamma ta’ salarju li rrizulta li kien dovut skond il-ligi, tista’ tkun ta’ ghajnuna ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza odjerna.

L-aggravji tal-appellant ser jigu kkunsidrati *seriatim*.

Qabel ma taghmel hekk, tajjeb pero` li jigi precizat x’inhu jippremetti u jitlob l-attur ghax, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, in-natura ta’ l-azzjoni neccessarjament titnissel mill-kliem adoperati fl-istess att ta’ citazzjoni u mit-talbiet. Issa, hu evidenti mill-istess citazzjoni li dak li qed ighid l-appellat fic-citazzjoni hu li meta huwa spicca mill-impieg tieghu kellu grad partikolari fis-servizz civili – *grade 12* – u l-pensjoni tieghu inhadmet fuq dak il-grad. Huwa, pero`, jikkontendi li x-xoghol li effettivament kien qieghed jaghmel kien ekwivalenti ghal dak ta’ grad oghla – *grade 11* – u ghalhekk huwa qed jikkontesta d-decizjoni ta’ l-awtorita` kompetenti li tibbaza l-pensjoni tieghu fuq il-grad li effettivament kellu minflok fuq il-grad ekwivalenti ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel.

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant ighid li l-Artikolu 469A ma japplikax ghall-kaz in dizamina ghax dak li qed jikkontesta ma hux "eghmil amministrattiv" fid-definizzjoni moghtija fis-subartikolu (2) tal-istess Artikolu 469A. Inoltre jghid li ma japplikax dana l-artikolu ghax is-subartikolu (6) tieghu "…jaghmilha cara li l-impieg mal-gvern huwa regolat mod iehor, u ghalhekk l-artikolu kollu ma japplikax." L-appellant m'ghandux ragun. Ghalkemm huwa minnu li d-definizzjoni ta' "eghmil amministrattiv" teskludi "xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`", din l-eskluzjoni ma tirriferix ghal decizjoni bhal dik li qed jilmenta minnha l-appellant – cioe` jekk hu ghandux jinghata pensjoni skond il-grad li bih huwa spicca minn mac-civil jew il-grad ekwivalenti ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel – izda tirreferi biss, kif jindika l-uzu tal-kelma "interna", ghal affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni ta' l-awtorita`, bhal per ez. tqassim ta' xoghol, orarji ta' xoghol, proceduri ta' kif isir ix-xoghol fi hdan dik l-awtorita`. Il-komputazzjoni ta' pensjoni li trid tinghata lil persuna li evidentement m'ghadhiex parti mill-organizzazzjoni jew amministrazzjoni ta' dik l-awtorita` b'ebda tigbid ta' l-immaginazzjoni ma tista' tikkwalifika bhala decizjoni li tittiehed "bl-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna". Anqas hija korretta l-konkluzjoni li l-Artikolu 469A ma japplikax minhabba dak li jipprovdi s-subartikolu (6)[5] tieghu. Kif tajjeb osserva l-appellat fir-risposta tieghu ghall-appell odjern, kulma jaghmel dana s-subartikolu huwa li jaghti direzzjoni dwar x'ligi jew ligijiet huma applikabbli fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' impieg u ta' servizz mal-Gvern ghall-fini ta' interpretazzjoni u applikazzjoni kemm ta' l-Artikolu 469A kif ukoll ta' kull disposizzjoni ta' ligi ohra, izda mhux li jeskludi l-applikazzjoni ta' l-istess Artikolu 469A ghal kull haga li tinvolvi servizz mal-Gvern.

[5] 469A(6): *"Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull disposizzjoni ohra ta' din il-ligi u ta' kull ligi ohra, servizz mal-Gvern hu rapport specjali regolat b'disposizzjonijiet specjali specifikatament applikabbli ghalih u bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn zmien ghal zmien mill-Gvern, u ebda ligi jew disposizzjoni taghha dwar kundizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, ghal servizz mal-Gvern hlief sa fejn dik il-ligi ma tipprovdix xort'ohra."*

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li ghalkemm id-decizjoni mehuda fir-rigward tieghu hija "decizjoni amministrattiva", l-Artikolu 469A ma hux applikabbli ghax dana l-artikolu, skond l-appellant, hu applikabbli biss fejn hemm "the exercise of an administrative discretion", li f'dan il-kaz, skond hu, ma hemmx. Anke hawn l-appellant m'ghandux ragun. Apparti li, kif jindika l-kliem tas-sub-titolu li fih jinsab l-Artikolu 469A, dana l-artikolu jipprovdi ghal "Stharrig Gudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva" ("Judicial Review of Administrative Action", fit-test ingliz) u mhux ta' "diskrezzjoni amministrattiva" ("administrative discretion"), hu evidenti mill-mod li bih hija redatta c-citazzjoni li dak li qed jipprova jimpunja l-appellant hija d-decizjoni tal-amministrazzjoni li tikkomputa l-pensjoni tieghu mod u mhux mod iehor. Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, tali komputazzjoni (jigifieri li, flok ma jittiehed in konsiderazzjoni l-grad li bih spicca mic-civil jittiehed in konsiderazzjoni x-xoghol li huwa kien qed jaghmel meta hekk spicca) hija bi ksur ta' xi ligi (kif hemm accennat fl-ewwel talba attrici), il-ksur ta' tali ligi hija proprju kontemplata mill-istess Artikolu 469A(1)(b)(iv) bhala wahda mir-ragunijiet ghall-impunjazzjoni ta' tali decizjoni. Apparti dan, din il-Qorti tosserva li, kif jirrizulta mis-sentenza appellata, quddiem l-ewwel Qorti s-sottomissjoni tal-attur fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut kienet fis-sens li ladarba l-pensjoni li huwa jircievi tithallas kull xahar, iz-zmien ta' dekadenza imsemmi fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 469A ma setax jitqies li kien ghadda – argument li implicitament jistrieh fuq l-applikabbilita` tal-Artikolu 469A ghall-azzjoni intentata mill-istess attur.

Fit-tielet aggravju tieghu l-appellant, filwaqt li jerga' jsemmi l-fatt li l-pensjoni tithallas kull xahar, jargumenta li l-kawza tieghu ma hix dwar decizjoni amministrattiva izda dwar il-ksur ta' kuntratt, kuntratt bejnu u bejn il-Gvern dwar pensjoni. Din il-Qorti tara li b'dana l-aggravju l-appellant qieghed semplicement jipprova jisposta l-kawza biex johrogha mill-ambitu ta' l-Artikolu 469A kif originarjament minnu proposta. Fic-citazzjoni imkien ma jissemma' xi haga li remotament tista' tindika li huwa qed jibbaza l-azzjoni tieghu fuq relazzjoni kuntrattawali. Ghall-kuntrarju, l-ewwel talba tieghu tispecifika espressament

"decizjoni amministrattiva", li huwa jghid li kienet "zbaljata u kontra l-ligi u l-gustizzja u arbitrarja" – kliem kollha dawn li jkomplu jikkonfermaw li l-azzjoni hija fil-kamp tal-Artikolu 469A tal-Kap. 16 – bhalma jkomplu jikkonfermaw in-natura ta' l-azzjoni l-kliem uzati anke fir-rikors ta' appell u cioe` "Huwa kien jokkupa grad li kellu jkun dak ta' Grad 11…", li proprju jindikaw li l-kwistjoni mhix ta' natura kuntrattwali izda hija bbazata fuq pretensjoni ta' decizjoni zbaljata jew hazina da parti ta' l-amministrazzjoni dwar fejn l-attur kien verament jinsab fl-iskala tac-civil meta huwa spicca mis-servizz.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li l-ewwel Qorti b'xi mod applikat il-ligi b'mod hazin jew zbaljat ghall-fatti kif kienu gew proposti lilha fic-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni guramentata.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra l-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------